# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 305/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Joseph Cini**

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Joseph Cini, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 25776(G) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul il-granet ta' bejn 24 u 28 ta' Marzu, 2017 gewwa Zebbug, Ghawdex u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew prova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) tal-L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew pprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S 549.242) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) L.S 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova

jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament (7)(1)(e) tal-L.S 549.24;

4. U aktar talli ma zarmax u ma ma nehhiex l-mansab, inkluzi xbieki u lasti, minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta ghalaq l-istagun tal-insib fil-Harifa tal-2016 bi ksur ta' kundizzjoni 8 tal-Licenzja Specjali ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana fil-Harifa tal-2016 hekk kif mitlub minn Regolament 7(h) tal-L.S 549.93

Il-Qorti kienet mitluba bis-sahha tar-regolament 27(2)(b) tal-A.L.79 hekk kif emendat (L.S 549.42), barra li taghti l-piena skont il-ligi tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-ligijiet tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Gunju, 2018 li biha ma sabitx htija fl-imputat u lliberatu minn kull imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali introdott fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju, 2018 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata u ghamlet enuncazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi fis-sentenza taghha ghaliex qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tillibera lill-appellat meta l-prosekuzzjoni ma kienitx ghalqet il-provi taghha u kien jonqosha xhud indispensabbli xi tressaq;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontatati jirrigwardaw allegat insib waqt stagun maghluq ghall-kacca u insib u b'mezzi illegali u dan wara rapporti li saru lill-pulizija minn membri tal-CABS. Il-Qorti tal-ewwel grad, izda ma sabitx htija fl-imputat appellat u illiberatu. L-ilment tal-Avukat Generali muhiex dwar l-apprezzament tal-ewwel Qorti dwar il-fatti jew il-ligi fil-mertu izda dwar enunzcazjoni zbaljata ghal dik li hi l-ligi procedurali. Dan l-appell ghalhekk hu dwar il-procedura adoperata mill-ewwel Qorti li biha cahdet lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-provi taghha;

3. Tajjeb ghalhekk li ssir rassenja tal-iter procedurali ta' din il-kawza fejn jemergi illi l-udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistarti (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet appuntata ghat-12 ta' Gunju, 2018. Wahda mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, certu Fiona Burrows, intavolat rikors proprju fl-istess jum sabiex tkun awtorizzata tixhed f'seduta ohra peress illi fid-data tal-udjenza kienet ser tkun imsiefra. Dik it-talba jidher li kienet michuda anke jekk fi kliem mhux daqstant car bil-verbal segwenti:

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' Fiona Burrows tal-lum stess 12 ta' Gunju 2018;**

Illi l-fatt li r-rikors gie prezentat dalghodu minghajr provi li s-Sinjura Burrows kienet imsiefra mhux accettabbli ghal din il-Qorti;

Lanqas giet prezentata kopja tal-biljett tal-ajru biex il-Qorti tkun taf meta nqata.

Il-Qorti tinnota li hija kienet notifikata fl-1 ta' Gunju 2018 u kellha hin bizzejjed biex ir-rikors ikun prezentat b'mod komplet u mhux jingabu l-imputati bl-avukati difensuri taghhom u bix-xhieda ghalxejn ghas-seduta tal-lum

Il-Qorti

Tordna l-prosegwiment tal-kawza minghajr ix-xhieda ta' Fiona Burrows.

Il-Qorti taghmilha cara li x-xhud ghandha tifhem darba ghal dejjem li ma tistax tippretendi li tiddetta l-andament ta' dawn il-kawzi skont l-esigenzi taghha b'nuqqas ta' rispett lejn l-operaturi kollha fl-istess Qorti.

**4.** Minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax illi l-prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tipproduci lix-xhud taghha li tidher li kienet wahda indispensabbli. Lanqas ma jidher li l-prosekuzzjoni ghamlet dikjarazzjoni li kienet qed tghalaq il-provi taghha.

5. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ma sabet htija f'ebda wahda mill-imputazzjonijiet stante li ma kienux sodisfacentement pruvati u konsegwentement illiberatu minnhom;

6. Illi minn ezami tal-*iter* procedurali hawn skrutinat, jemergi

illi waqt l-udjenza, dik li ghaliha Fiona Burrows talbet li tkun awtorizzata tixhed f'seduta ohra, il-Qorti ghaddiet biex tisma il-kawza bl-eskluzzjoni ta' din ix-xhud indispensabbli li kienet notifikata skont il-ligi. La darba din kienet notifikata, l-Qorti kienet fid-dover li tisma lix-xhud billi tiddeferixxi l-kawza u taghmel sanzjoni kontra taghha inkluz li tkun migjuba b'mandat t'arrest ghas-seduta li kellha ssegwi, jekk deherilha li dak ir-rikors kien wiehed kapriccuz. Dan hu li kellha taghmel l-ewwel Qorti skont gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti. Per ezemplari, u fost diversi ohrajn, fis-sentenza Il-Pulizija vs Clive Debono (App Krim 144/2004 tal-14.9.2004) kien ritenut illi: "*rinfaccjata b'dik is-sitwazzjoni, fejn l-unici zewg xhieda tal-prosekuzzjoni – it-tnejn Ufficjali tal-Pulizija – naqsu li jidhru meta hekk imsejjha, l-Ewwel Qorti kellha, apparti l-kundanna taghhom ghad-disprezz li hi gustament ghamlet, kellha tiddiferixxi l-kawza w tordna mandat t'arrest jew akkumpanjament kontra taghhom ghas-seduta li jmiss......Dan ghaliex, kif giet ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**" [5.1.1996], la darba ix-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghal kaz – kif ovvjament kienu z-zewg Surgenti f'dan il-kaz – il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra....*".

7. Dan l-insenjament huwa segwit fl-aktar sentenzi ricenti ta' din il-Qorti anke jekk dwar cirkostanzi li mhux strettament identici izda simili. Qed ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: 'Il-Pulizija vs Gianluca Coleiro' tat- 3 ta' Mejju, 2019.

Il-fatt illi l-prosekuzzjoni ma talbitx ghall-differiment fl-udjenza ma jistghax jitqies li huwa rinunzja ghax-xhieda taghha ghaliex ma hemm ebda tali dikjarazzjoni. Kif tajjeb josserva ukoll l-Avukat Generali, minkejja li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat li semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi

tressaq u li kienet b'hekk ghalqet il-provi taghha, dan ma jirrizultax fil-verbal tal-udjenza;

Illi ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun b'dan illi tirrizulta nuqqas ta' formalita' sostanzjali f'dak li sehh quddiem l-ewwel Qorti. Konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett. U stante li x-xhieda rikjesti mill-prosekuzzjoni qatt ma kienu mismugha mill-ewwel Qorti qed terga tibghat l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex il-kaz kontra l-appellat jerga` jinstemgha u jkun deciz mill-gdid.

**IMHALLEF** **D/REGISTRATUR**